## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 26/2020: **ID-DIRETTUR, QRATI ĊIVILI U TRIBUNALI BĦALA REĠISTRATUR, QRATI U TRIBUNALI ĊIVILI V. DONALD MICALLEF (KI. 207082M)**

(PROĊEDURI GĦAL DISPREZZ LEJN L-AWTORITA' TAL-QORTI MIBDIJA TAĦT L-ART. 997 U 1003A TAL-KAP. 12 - L-ART. 70 TAL-KAP. 12 JIPPROVDI GĦAL PIENI INQAS ĦOROX TAĦT L-ART. 990 U MHUX TAĦT L-ART. 997)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**22 ta' April 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors[1] tad-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili ("id-Direttur rikorrent") tat-18 ta' Frar 2020 li bih talab lill-Qorti s-segwenti fil-konfront ta' Donald Micallef ("l-intimat"):

1. Illi in segwitu ghall-ittra ufficjali ezekuttiva (Nru. 1847/17) mahruga taht l-artikolu 166A tal-Kap 12 u pprezentata minn Jonathan Sciberras noe. kontra Donald Micallef datata 18 ta' Lulju 2017, l-istess Jonathan Sciberras noe. talab u ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Qbid Ezekuttiv bin-numru 1815/17MG (Dok A) fl-ismijiet 360 Retail Supplies Ltd vs Donald Micallef in ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv sudett.

[1] Fol 1-18

2. Illi skond in-nota rilaxxjata mill-Marixxall Genio Mallia fl-atti tal-istess Mandat ta' Qbid datata 28 ta' Settembru 2017 (fl-inkartament Dok A), jirrizulta illi meta l-Marixxal tal-Qorti mar biex jesegwixxi l-mandat de quo fl-indirizz mghoti l-intimat Donald Micallef ID 207082(M) ma halliehx jesegwixxi l-mandat kif indikat fl-istess Nota u pertant l-istess Marixxall irraporta dan kollu lill-din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi in segwitu ghan-Nota sudetta din l-Onorabbli Qorti permezz ta' Digriet tat-2/10/17 ordnat illi l-Marixxall jerga jmur jesegwixxi l-mandat bl-assitenza tal-Pulizja (fl-inkartament Dok A).

4. Illi in adempiment mal-istess Digriet il-marixxall tal-Qorti mar jipprova jesegwixxi l-mandat fit-28 ta' Settembru 2017 izda ghal darba ohra l-intimat ma halliehx jesegwixxi l-istess u dan kif jidher mir-riferta fl-istess mandat u sussegwentement rega mar drabi ohra pero l-fond kien mghaluq u dan ukoll kif jidher mir-riferti relattivi. (kif jidher fl-inkartament Dok A).

5. Illi in segwitu ghal-rikors intavolat Jonathan Sciberras noe (Dok B) din l-Onorabbli Qorti permezz ta' Digriet taghha tal-19 ta' Frar 2018 (Dok C) ordnat lill-esponenti sabiex jiehu proceduri ta' disprezz kontra l-intimat Donald Micallef ID 207082(M).

6. Illi in adempiment ma tali ordni l-esponenti qed jintavola r-rikors odjern.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, tghid l-intimata ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna illi:

1. Issib lill-intimat ħati ta' disprezz kontra l-Awtorita' tagħha ai termini tal-artikolu 997 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimata għall-pieni ndikati fl-istess artikoli u tikkundannah għall-priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2,330) jew għall-multa u priġunerijia flimkien;

3. Timponi kwalunkwe ordni oħra meħtieġa fuq l-intimata ai termini tal-artikolu 997 sub-artikolu (2) et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta nkluż billi tiffissa żmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet għandhom jiġu sodisfatti mill-intimat;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li hu minn issa ngunt għas-subizzjoni, u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri skond il-ligi.

wara li rat l-ordni *in camera* tagħha tat-28 ta' Frar 2020 maħruġa ai termini tal-Art. 173(1) tal-Kap. 12 li permezz tagħha l-Qorti *inter alia* ordnat lill-intimat sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika[2],

wara li rat li l-intimat ġie notifikat bir-rikors promotur u bl-ordni *in camera* fuq imsemmija fid-29 ta' April 2022

wara li rat l-ordni *in camera* tagħha tat-22 ta' Lulju 2022 maħruġa ai termini tal-Art. 173(1) tal-Kap. 12 li permezz tagħha l-Qorti wara li rat illi l-intimat baqa' ma daħħal l-ebda risposta minkejja li kien ġie debitament notifikat, appuntat il-kawża għas-smiegħ għat-3 ta' Ottubru 2022[3],

wara li semgħet ix-xhieda tad-Direttur rikorrent u fejn applikabbli qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanzi tagħhom,

wara li rat il-bqija tal-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Fatti fil-qosor u sinteżi tal-provi*

1. Wara titolu eżekuttiv li ottjena fit-30 ta' Awwissu 2017 konsistenti f'ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap .12 u li ġiet reża eżekuttiva f'dik id-data fl-ismijiet: **<u>Jonathan Sciberras noe v. Donald Micallef</u>** (Ittra Numru 1847/17)), Jonathan Sciberras nomine ("il-kreditur Sciberras") talab il-ħruġ ta' mandat ta' qbid eżekuttiv in eżekuzzjoni tal-istess titolu. Dan il-mandat bin-numru uffiċjali 1815/2017 inħareġ fil-25 ta' Settembru 2017 kontra l-intimat għas-somma totali ta' € 1,004.98 (sorti, imgħax u spejjeż) bit-talba għall-elevazzjoni tal-oġġetti konsistenti f'xorb alkoħoliku, *equipment* tal-kċina u *billiard table* li jistgħu jinqabdu mill-fond tal-

[2] Fol 20-21
[3] Fol 28

intimat, qua debitur, ġewwa Rookies Gastro Pub, Triq l-Isponoż, San Pawl il-Baħar, Buġibba[4].

2. Ġara illi meta fid-29 ta' Settembru 2017 il-marixxal Mario Genuis mar fil-fond indikat sabiex jeżegwixxi l-mandat u sab lill-intimat dan ma' ħallieħx jeżegwixxi l-mandat billi għarrfu li *"malli jkollu l-flus ser iħallas lill-kreditur jew lill-kunsinnatarju li kien preżenti".* Minkejja li skond il-marixxal Genuis *"pruvajna nelevaw l-oġġetti mniżżlin fil-mandat però dan irrifjuta minkejja li wissejnih diversi drabi".*[5] Fin-notamenti tal-marixxal hemm indikat ukoll is-segwenti: *"domna madwar tlett kwarti niddiskutu miegħu biex iħallas il-flus dovuti jew ikollna nelevaw l-oġġetti mniżżlin fil-mandat (imma) dan baqa' jirrifjuta li jħallina nelevaw minkejja li wissejnih diversi drabi ..."*[6] B'hekk il-mandat ma setax jiġi eżegwit u wara li mtliet ir-riferta appożita saret ukoll nota mill-marixxali Mario Genuis u Eugenoi Mallia sabiex il-Qorti tagħtihom dawk id-direttivi opportuni għall-eżekuzzjoni tal-mandat[7].

3. Fit-2 ta' Ottubru 2017 din il-Qorti diversement presjeduta wara li rat in-nota msemmija ordnat lill-istess marixxal Genuis sabiex jerġa jmur jipprova jeżegwixxi l-mandat bl-assistenza ta' żewġ uffiċjali tal-Pulizija Eżekuttiva u sabiex f'każ li ma jitħalliex jeżegwixxi jerġa jirrapporta lill-Qorti.[8]

4. Sussegwentement il-kreditur Sciberras illimita l-mandat ta' qbid għall-istock ta' *alcohol* fl-istabbiliment imsemmi.[9]

5. Meta l-istess marixxal flimkien mal-marixxal Eugenio Mallia u l-kunsinnatarju Randolph Cauchi aċċedew fuq il-post fis-6 ta' Novembru 2017 huma sabu l-post magħluq.[10]

6. Meta l-istess reġgħu marru fid-19 ta' Jannar 2018 wara l-ħin legali huma għal darb' oħra sabu l-istess post magħluq.[11]

---

[4] Fol 4-6
[5] Fol 12
[6] Fol 14
[7] *ibid*
[8] Fol 13
[9] Fol 7
[10] Fol 14
[11] *ibid*

7. Kien għalhekk illi fit-18 ta' Frar 2018 ir-rikorrent għamel rikors fl-atti tal-mandat sabiex tenut kont illi *"l-eżekutant għandu storja twila ta' frodi u ta' debiti u dan kif jirriżulta minn żewġ sentenzi mogħtija mil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ... din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna lir-Reġistratur tal-Qorti (jieħu passi) a tenur tal-artikolu 1003A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-eżekutat...".*[12]

8. Fid-19 ta' Frar 2018 din il-Qorti diversement presjeduta ordnat lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jinizja proċeduri ċivili kontra l-intimat għad-disprezz lejn l-awtorita' tagħha.[13]

9. Il-Qorti semgħet kemm lil **Eugenio Mallia** (fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2023[14]) u kemm lil **Mario Genuis** (fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2023) jikkonfermaw bil-ġurament il-fatti fuq indikati.

10. Minkejja li l-intimat ġie notifikat bir-rikors promotur, bl-ordnijiet sussegwenti tal-Qorti u bl-avviż tas-smiegħ, dan naqas milli jidher għas-seduti u ma ppreżenta l-ebda provi minkejja li kellu seduta ffissata għal dan l-iskop.

*Kunsiderazzjoni*

11. L-Art. 70 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> **'70. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 992, jekk persuna xjentement tevita, tfixkel jew tirrifjuta s-servizz ta' xi att jew ordni tal-qorti jew l-eżekuzzjoni ta' xi mandat jew ordni li ssir minn uffiċjal esekutur tal-qorti, ikun ħati ta' disprezz tal-qorti u jista' jeħel, meta jinstab ħati, il-pieni msemmija fl-artikolu 990.'**

12. Bħal kull att ġudizzjarju ieħor, mandat tal-qorti irid jiġi eżegwit mingħajr xkiel jew opposizzjoni ta' min għandu jirċievih. Kwalunke opposizzjoni għalih trid issir bil-mod kif trid il-liġi **wara** l-eżekuzzjoni u mhux billi jiġi mfixkel l-uffiċjal tal-Qorti waqt l-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tiegħu. Filfatt l-Art. 276 tal-istess Kap. 12 jipprovdi illi:

---

[12] Fol 16-17
[13] Fol 18
[14] Fol 30A-30B

> **‘276. Ħadd ma jista’ jagħmel oppożizzjoni għall-esekuzzjoni ta’ mandat, ħlief wara li tkun saret l-esekuzzjoni.’**

13. Mill-provi rriżulta mingħajr dubbju illi l-intimat minkejja li ġie mwissi kemm il-darba illi l-aġir tiegħu kien qed imur kontra l-ordni tal-Qorti ppersista bir-rifjut tiegħu illi jħalli lil marixxali jaqdu dmirhom u dan għaliex skond hu kien ser iħallas dak dovut minnu lill-kreditur *“malli jkollu l-flus f’idejh”.* Naturalment skuża bħal din m’hijiex ġustifikazzjoni ‘l għala l-intimat kellu jfixkel lill-marixxali milli jeżegwixxu l-ordni tal-Qorti. L-imġieba tal-intimat hija eżempju klassiku ta’ disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti u dan għaliex minkejja li kien jaf bil-konsegwenzi tal-aġir tiegħu huwa ppersista bil-ksur tal-istess ordni.

14. L-Art. 990 tal-Kap. 12 jipprovdi kif ġej:

> **990. F’każ ta’ mġieba ħażina taħt l-aħħar artikolu qabel dan, l-imħallef jew maġistrat li lilu jmiss li jġiegħel li jinżamm il-bon ordni waqt is-seduti bil-miftuħ tal-qorti, skont l-artikolu 988, jista’ jikkundanna lill-kontravventur -**
>
> **(a) biċ-ċanfir;**
>
> **(b) bit-tkeċċija mill-qorti;**
>
> **(ċ) bl-arrest għal mhux aktar minn erbgħa u għoxrin siegħa f’lok ġewwa l-edifizju fejn il-qorti toqgħod;**
>
> **(d) bl-ammenda jew bil-multa msemmija fil-Kodiċi Kriminali.**

15. Kif diġà ngħad ai termini tal-Art. 70 tal-Kap.12, f’każ ta’ tfixkil fl-eżekuzzjoni ta’ xi mandat il-pieni applikabbli għad-disprezz huma dawk stabbiliti fl-Art. 990. Madanakollu t-talba tad-Direttur rikorrent hija illi l-Qorti tapplika l-pieni stabbiliti fl-Art. 997 tal-Kap. 12 liema artikolu jipprovdi kif ġej:

> **‘997. (1) Fi proċedimenti istitwiti għal xi att jew ommissjoni li tammonta għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, il-ħati jista’, mal-kundanna, jiġi kkundannat għal priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta’ mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux iktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew għall-multa u l-priġunerija flimkien.**

> **(2) Il-qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel ir-reat, tordnalu t-tneħħija ta' kull diżordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat fi żmien biżżejjed għal dan il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li tiġi stabbilita mill-qorti; u jekk min jagħmel ir-reat jonqos milli jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, hu jeħel penali ta' ammenda ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) u mhux iktar minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) kif il-qorti tistabbilixxi, għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi ż-żmien imsemmi.'**

16. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza: **Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali v. Nadia Vella et.** (Rik Ġur 1111/2017 JVC, 28/02/2023):

> "l-artikolu 70 (li jagħmel riferenza għall-artikolu 990) jipprovdi ghal pieni anki ferm anqas iebsa jew oneruzi minn dak li jiprovdi l-artikolu 997 tant li jipprovdi wkoll il-possibilita' li tinghata canfira jew arrest ghal hin minimu ghall-kuntrarju l-artikolu 997 jimponi pieni anki mhux zghar u perjodu ta' habs ferm itwal."

17. F'dik il-kawża l-Prim' Awla ddeċidiet illi m'għandiex tilqa t-talbiet tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunal peress illi dan kien aġixxa abbażi tal-Art. 997 u mhux taħt l-Art. 990 meta d-digriet maħruġ mill-Qorti tal-Familja b'ordni lilu sabiex jiftaħ proċeduri ta' disprezz kien jagħmel riferenza għall-Art. 90 (i.e. li jagħmel riferenza għall-pieni ta' taħt l-Art. 990) u mhux għall-Art. 997. Il-Qorti filfatt kompliet tgħid hekk:

> *"Illi mid-digriet esebit a fol. 6 tal-proess huwa evidenti li l-Onorabbli Qorti tal-Familja ordnat lid-Direttur rikorrent sabiex jagixxi fl-ambitu tal-artikoli 70 u 1003 A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Imkien ma semmiet li l-proceduri ghandhom jittiehdu fit-termini tal-artikolu 997 tal-istess Kap ... Illi f'dan l-istadju l-Qorti tirrileva li f'dak il-mument il-Qorti tal-Familja kienet ferm aktar edotta minn din il-Qorti dwar il-vertenza bejn il-partijiet u ghalhekk tifhem li l-indikazzjoni kjara u skjetta ta' dik l-istess Qorti taht liema termini hija riedet li l-intimati jigu mharrka kienet wahda ben mahsuba"*

18. Issa fil-kawża in eżami d-digriet ta' din il-Qorti diversement presjeduta kellu ordni lid-Direttur rikorrent sabiex ***"jinizja proċeduri ċivili kontra Donald Micallef għad-disprezz lejn l-awtorita' tagħha".*** Għalhekk d-Direttur ma ġiex marbut li jipproċedi b'artikolu preċiż tal-liġi iżda ngħata struzzjonijiet sabiex jinizja proċeduri ta' disprezz b'mod ġenerali.

19. Id-Direttur rikorrent filfatt fetaħ il-proċedura odjerna taħt l-Art. 997 u mhux taħt l-Art. 70 u l-Art. 990 tal-Kap. 12.

20. L-Art. 997 huwa relattivament riċenti peress illi ddaħħal fil-liġi tagħna permezz tal-Att XXXI tal-2002 mentri l-Art. 70 (i.e. li jagħmel riferenza għal Art. 990) fil-forma tiegħu kif inhu llum iddaħħal permezz tal-Att XXIV tal-1995. Għalkemm id-dibattiti parlamentari li ppreċedew id-dħul tal-Att XXXI tal-2002 ma jixħtu dawl ta' xejn fuq il-ħsieb tal-leġislatur wara l-Art. 997, huwa bil-wisq ovvju illi l-għan wara l-artikolu kien illi jservi ta' proċedura ġdida *ad hoc* għal meta r-Reġistratur jibda proċeduri ta' disprezz ai termini tal-Art. 1003A tal-Kap. 12. Dan l-aħħar artikolu kien iddaħħal fil-liġi Maltija ukoll permezz tal-Att XXIV tal-1995.

21. L-Artikolu 1003A jipprovdi kif ġej:

> **'1003A. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, f'kull proċediment għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, ir-Reġistratur għandu jibda, kif jiġi ordnat mill-Qorti, il-proċedimenti meħtieġa u għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi huwa għandu jitqies bħala l-attur.**

22. Dan l-artikolu għalhekk ma jipprovdix dwar taħt liema artikolu tal-liġi (ergo, jekk hux per eżempju taħt l-Art. 990 jew l-Art. 997) ir-Reġistratur għandu jibda l-proċedimenti iżda jipprovdi biss illi meta jagħmel hekk huwa għandu jitqies bħala attur. Kif ingħad, id-Direttur rikorrent għażel li jibda l-proċedura odjerna taħt l-Art. 997.

23. Hija l-fehma tal-Qorti illi kien hemm *lapsus* min-naħa tal-leġislatur illi għal xi raġuni jew oħra meta daħħal fil-liġi l-Art. 997 naqas milli jemenda l-Art. 70 li allura baqa' jagħmel riferenza għal pieni ta' taħt l-Art. 990 li fil-verità oriġinalment kienu intenzjonati li japplikaw biss għal meta ikun hemm imġieba ħażina *in facie curiae* (Art. 989) konsistenti f'esklamazzjonijiet ta' approvazzjoni jew ta' diżapprovazzjoni jew ta' tfixkil lill-Qorti. Kien ikun iktar idoneju illi l-Art. 70 jiġi emendat sabiex jagħmel riferenza għall-pieni taħt l-Art. 997 li jirriflettu aktar il-gravita' ta' min konxjament jisfida l-awtorità tal-Qorti bid-diżubbidjenza lejn l-ordnijiet tagħha.

24. Fiċ-ċirkustanzi, u kif diġà għamlet fis-sentenza fl-ismijiet **Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali v. John Micallef** (Rik 250/19, 17/04/2023), din il-Qorti tħoss illi hija ma tistax tmur kontra dak li espressament tgħid il-liġi u peress illi l-Art. 70 jipprovdi

għal pieni partikolari taħt l-Art. 990, huma dawk il-pieni biss li tista' tapplika u mhux il-pieni iktar ħorox ta' taħt l-Art. 997. Dan kien ikun il-każ anke li kieku l-Qorti ordnat lid-Direttur rikorrent sabiex jistitwixxi dawn il-proċeduri abbażi tal-Art. 997 (xi ħaġa li m'għamlitx għaliex f'dan il-każ id-digriet ma semma l-ebda artikolu) peress illi lanqas il-Qorti ma tista' tipprovdi għal piena differenti minn dik imsemmija fil-liġi.

25. Il-Qorti għalhekk ser teżerċita l-poter li għandha bħala Qorti Inferjuri sabiex minkejja dak mitlub mid-Direttur rikorrent, hija tapplika l-Art. 990 u mhux l-Art. 997 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Deċiżjoni**

26. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tipprovdi għat-talbiet tad-Direttur rikorrenti billi filwaqt li issib lill-intimat ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tagħha ai termini tal-Art. 70 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundannah iħallas multa ta' ħames mitt euro (€ 500) ai termini tal-Art. 990 tal-Kap. 12. Spejjeż kontra l-intimat.**

Fid-dawl ta' dak li ngħad iktar 'l fuq, il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Ministru tal-Ġustizzja u lill-Avukat tal-Istat għal kull azzjoni li huma jħossu opportun f'dan ir-rigward.

V.G. Axiak — Maġistrat

Y.M. Pace — Dep. Reġistratur